# Mir-Riforma Soċjali għall-Investigazzjoni tal-Bniedem: *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Ġwann Mamo bħala Allegorija tal-Kundizzjoni Eżistenzjali Umana

**Stephen Bonanno**
stephen.bonanno@um.edu.mt

**Astratt:** Dan l-istudju huwa r-reazzjoni għall-klassifikazzjoni tal-irwol ta' Mamo f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* bħala riformatur soċjali, ġudizzju li jillimita l-valur estetiku tat-test billi jirrendih relevanti għal żmienu biss. Il-ħruġ tar-rumanz minn dan l-għeluq isir primarjament permezz tal-identifikazzjoni tal-funzjoni allegorika tar-rakkont, u kif tgħin biex eventwalment tinbena l-viżjoni awtorjali. Għal dan il-għan it-test ta' Mamo jibda jinftiehem aħjar fil-kuntest tal-metafiżika ta' Martin Heidegger. L-attenzjoni tinxteħet l-aktar fuq it-twebbil li jemigraw lejn l-Amerka, u kif il-mod li bih tittieħed id-deċiżjoni jirrifletti x'tip ta' karattri huma.

**Kliem muftieħ:** *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, riformatur soċjali, allegorija, Martin Heidegger, mudell ontoloġiku, evoluzzjoni, grottesk.

*'Il-ħajja mhux miflija mhux ta' min jgħixha'*
Sokrate (mill-*Apoloġija* ta' Platun)

## Il-limitu fil-klassifikar ta' Mamo bħala riformatur soċjali u l-lilhinn minnu

L-esej 'Ġwann Mamo: Il-Kittieb tar-Riforma Soċjali', li Oliver Friggieri kiteb fuq *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* lura fl-1984, kien providenzjali daqskemm detrimentali għal Mamo.[1]

1 O. Friggieri, *Ġwann Mamo: Il-Kittieb tar-Riforma Soċjali* (Malta, 1984).

L-apprezzament tal-kritiku, mirfud mill-pubblikazzjoni tar-rumanz fl-istess perjodu mis-*Sensiela Kotba Soċjalisti*, ittrasforma l-istatus tat-test minn sempliċi rakkont tal-faxxikli bl-insinwazzjonijiet negattivi kollha li t-tikketta ġġorr magħha, għar-rikonoxximent sħiħ mill-ambjent akkademiku letterarju. L-intervent tiegħu kien għalhekk determinanti sabiex il-preżenza ta' Mamo tasserixxi ruħha fit-tradizzjoni narrattiva Maltija. Iżda għall-qlugħ mill-anonimat tħallas prezz li kkundizzjona negattivament lit-test. Kif għad irid jintwera, l-istess sors li tah id-dinjità li tistħoqqlu spiċċa biex illimitalu l-potenzjal tiegħu. L-għan ewlieni ta' dan l-istudju hu li jfittex li jindirizza l-problema billi jikxef mit-test dak li s'issa jidher li għadu ma ġiex rikonoxxut. L-ewwel pass għar-rivalutazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' Mamo hu li jiġi analizzat kif il-kritika, mhux ta' Friggieri biss, spiċċat tillimita l-valur tar-rumanz. Fl-aħħar mill-aħħar, il-limitu jinħass l-aktar fit-tweġiba għad-domanda jekk it-test hux marbut maċ-ċirkostanzi taż-żmien li fih inkiteb u għalhekk relevanti biss għalihom. F'dan ir-rigward, Friggieri ma jħalli ebda dubju dwar il-pożizzjoni tiegħu. Mitlub waqt programm radjofoniku jagħti ġudizzju dwar ir-relevanza tar-rumanz illum, hu ta din ir-risposta: 'Mamo jirrappreżenta epoka. Mhux faċli tgħid li dik l-epoka baqgħet fostna, b'xorti tajba. Dak kollu li jpinġi hu fi żmienu llum għadda, huwa folklor, huwa parti minn album tar-ritratti.'[2] L-irbit tar-rumanz maċ-ċirkostanzi li fihom inkiteb tikkomprometti għalhekk l-universalità li Friggieri stess jirrikonoxxi li Mamo xtaq jilħaq fir-rakkont.[3] Fuq l-istess linja ta' ħsieb, Charles Briffa jillimita r-relevanza tar-rumanz billi jiġġudikah bħala 'ddatat, jiġifieri huwa ta' żmienu biss'.[4]

Il-fatt li ż-żewġ kritiċi waslu għall-istess ġudizzju huwa sinjal li jindika li l-konklużjonijiet oriġinaw minn proċess analitiku simili. Sabiex is-sitwazzjoni tkun indirizzata u jinħareġ il-potenzjal fit-test ta' Mamo jeħtieġ li l-proċess imħaddem jinfela u jiġu individwati l-kriterji addottati u kif l-applikazzjoni tagħhom iddeterminat l-interpretazzjoni tat-test. Il-premessa li minnha se nitlaq hija li l-klassifikar tar-rumanz bħala soċjorealista, u d-deskrizzjoni ta' sehem l-awtur fih bħala riformatur soċjali, illimitaw il-perċezzjoni tal-valur estetiku tat-test.[5] Fi kliem ieħor, il-ġudizzju li jillimita t-test hu kkawżat mill-orjentazzjoni soċjali

2 http://campusfm.um.edu.mt/pages/webcastspages/Autumn_10/amerka_mamo.htm

3 Friggieri, 23.

4 C. Briffa, *Ir-Rumanz Malti sa Nofs is-Seklu Għoxrin* (Malta, 2003), 238.

5 Friggieri jiddefinixxi lil Mamo fit-titlu tal-artiklu bħala l-'kittieb tar-riforma soċjali'. Briffa jsejjaħlu 'r-riformatur tas-soċjetà ta' żmienu'. Ara Briffa, 563.

addottata mill-kritiċi fl-interpretazzjoni tar-rumanz. Imma dan ma jfissirx neċessarjament li hemm defiċjenza intrinsika fil-metodu meta applikat għall-interpretazzjoni ta' test letterarju.[6] Biex jiġu evitati implikazzjonijiet teoretiċi li mhumiex mixtieqa trid titwieġeb il-mistoqsija x'seta' ġara ħażin fit-tħaddim tiegħu mill-kritiċi Maltin.

It-tweġiba tista' tibda tingħata fid-dawl ta' osservazzjoni li jgħaddi E. Dean Kolbas fuq il-perspettiva soċjoloġika: '*sociological views of the literay canon that overemphasize the institutional processes of canon formation tend to discount or neglect the distinctive, aesthetic aspects of canonical works of art.*'[7] Kif inhu ssuġġerit fil-kwotazzjoni, mhuwiex il-metodu nnifsu l-problema iżda l-mod kif jitħaddem. Bil-kwalifikazzjoni li jagħmel Kolbas jipponta lejn l-'*overemphasize*' bħala d-difett fit-tħaddim. Huwa fuq l-enfasi żejda fuq aspett wieħed li se niffoka sabiex nistabbilixxi għala l-interpretazzjoni soċjoloġika spiċċat biex illimitat it-test ta' Mamo. Fid-dawl tal-istess kwotazzjoni ta' Kolbas, dan l-istudju se jieħu l-limitu ssuġġerit mill-kritika bħala sfida biex jiġu identifikati l-elementi mit-test li setgħu ġew skartati, traskurati, jew ma ġewx analizzati kemm mistħoqq. Bil-kxif tagħhom nittama li tifforma ruħha l-viżjoni li jirrappreżenta Mamo, li għandha tgħin biex minn dokument esklussivament storiku t-test jinbidel għal dokument 'universali' tar-ruħ umana. Kif mistenni, mas-superament tal-limitu għandu jikber għalhekk il-valur estetiku tat-test.

Il-problema ewlenija fl-analiżi ta' Friggieri hija l-insistenza li r-rumanz jitqiegħed fl-istess garżella tar-rumanziera soċjorealisti Maltin. L-iffokar fuq dan it-tip ta' realiżmu oskura u żgwida l-kritiku billi t-test intrabat ma' mudell fiss li kkundizzjona l-interpretazzjoni u eskluda l-possibbiltà ta' interpretazzjonijiet oħrajn. Huwa minnu li l-preżenza tar-realiżmu mimetiku fir-rumanz tinħass sikwit tul ir-rakkont, kif maħsusa fl-isforz li tiġi dokumentata d-dinja li l-karattri jabitaw fiha. Iżda l-attenzjoni fuq l-insistenza tan-narratur favur il-ħtieġa li l-Malti jeduka ruħu, li fuqha suppost jistrieħ it-test bħala dokument soċjali, rabtet lill-kritiku b'parametru fiss li t-test seta' jiġi analizzat fi ħdanu biss. Fil-fatt, kif għad irid jintwera, titħalla barra dimensjoni mit-test li hija essenzjali għall-binja tal-viżjoni awtorjali. Dieter Meindl wara li jiddeskrivi r-realiżmu

6 Diskussjoni fuq il-valur tat-tħaddim tal-metodu soċjoloġiku fl-analiżi ta' test letterarju titlob li tiġi inkwadrata fid-dawl tal-mod kif żviluppa, b'mod partikolari, mill-influwenza tal-Iskola ta' Frankfurt 'l hawn. Ma jidhirlix li dan l-istudju joffri l-ispazju għal dan.

7 E. Dean Kolbas, *Critical Theory and the Literary Canon* (Colorado, 2001), 2.

u n-naturalizmu bħala li huma dijametrikament opposti għal xulxin, jissintetizza ż-żewġ komponenti li jiffurmaw ir-realiżmu letterarju bħala '*the appeal for social reform and change of the former and the deterministic outlook of the latter*'.[8] L-insistenza żejda li t-test jiġi abbinat mal-ħerqa għar-riforma u l-bidla soċjali fisser it-twarrib fil-ġenb ta' dawk l-elementi ta' naturaliżmu li jinħassu sew fir-rakkont. Dan għax, kif isostni V.L. Parrington, id-determiniżmu huwa '*the vital principle of naturalism, setting it off from realism*'.[9] Biex iressaq 'il quddiem it-teżi li Mamo huwa riformatur soċjali, Friggieri fittex li jinjora u jaqbad it-triq opposta ta' dawk l-elementi li setgħu kkompromettewh milli jilħaq il-għan. Hija l-intenzjoni tiegħi li nuri li fl-aħħar mill-aħħar dan fisser li l-analiżi kienet kostretta tipproċedi fuq prinċipji li ma jirriflettux il-qofol tat-test. L-analiżi tiġi sfurzata ssegwi mudell li t-test isegwi biss parzjalment, biex jisfida jekk mhux ukoll iżarma.

Il-persistenza li jibqa' jsostni r-realiżmu b'timbru politiku fit-test, li tispiċċa biex iddgħajfu, tinħass bl-applikazzjoni ta' strateġija oħra. Sabiex jiffaċilita l-abbinament ta' skop it-test mal-idea tal-ħolqien ta' kuxjenza soċjali, Friggieri ma jifridx bejn l-awtur u l-ġurnalista. Anzi hu jsostni li r-rumanz jiftiehem aħjar jekk 'jitqabbel mal-kitbiet ġurnalistiċi kollha ta' Mamo'.[10] Il-kritiku jżid li 'r-rumanz u l-kitbiet ġurnalistiċi jsawru manifest soċjali wieħed' tant li jikkunsidrah bħala 'l-verżjoni letterarja tal-kontenut ġurnalistiku'.[11] In-nuqqas ta' separazzjoni bejn iż-żewġ aspetti li jiffurmaw il-figura ta' Mamo bħala kittieb hi ta' detriment għall-interpretazzjoni tar-rumanz. L-enfasi fuq l-aspett ġurnalistiku kkundizzjona l-analiżi billi jorjentaha lejn l-essenza li tikkostitwixxi l-ġurnaliżmu b'detriment tal-aspett letterarju. Meta mistoqsi x'jiġbdu f'Mamo, Friggieri wieġeb hekk: 'Qabel xejn is-sens ta' immedjatezza, il-ġurnaliżmu tiegħu, li huwa *rapporteur*, li huwa reporter tal-affari, qed jara l-affarijiet b'kamera tar-ritratti f'idejh.'[12] L-orjentazzjoni ta' għajn il-kritiku lejn l-immedjatezza li l-ġurnaliżmu jiġġenera, hi strumentali sabiex l-oġġett analizzat jittieħed fit-tifsira immedjata tiegħu flok ma jkun estiż lejn il-funzjoni konnotattiva. L-insistenza, flimkien mal-ħerqa li t-test jitpinġa b'soċjorealista, eventwalment issarrfu fil-qari żbaljat tat-

8 D. Meindl, *American Fiction and the Metaphysics of the Grotesque* (Missouri, 1996), 109.
9 Ibid., 9.
10 Friggieri, 35.
11 Ibid.
12 Programm radjofoniku. Ara Footnote 2.

test, b'mod partikolari fil-miżinterpretazzjoni ta' elementi fundamentali għat-tlaħħim tal-viżjoni li Mamo xtaq jirrappreżenta fir-rumanz. Dan l-istudju se jiffoka l-aktar fuq l-interpretazzjoni tal-karatterizzazzjoni. Din għandha tikxef kif l-assoċjazzjoni tar-rumanz mal-ġeneru tas-soċjorealiżmu spiċċa biex impona viżjoni li hija l-intenzjoni tiegħi li nargumenta li tistona mal-viżjoni ta' Mamo fir-rakkont.

Friggieri jissottovaluta l-funzjoni li l-karattri jistgħu jaqdu fit-test billi jirrendi l-komportament b'bixra grotteska tagħhom bħala 'ċajta',[13] u li jagħmlu parti minn 'spettaklu komiku'.[14] Huwa veru li Mamo stess jiddikjara diversi drabi li hija l-intenzjoni tiegħu li jgħallem billi jdaħħak, imma fil-postskritt donnu jantiċipa reazzjoni simili għal ta' Friggieri u lill-qarrej iwissih 'tiħux kollox biċ-ċajt, u la taħsibhomx kollha bi ħmerijiet għax ħmar tkun int'.[15] Il-punt kruċjali hu x'jinkiseb fil-proċess li jintlaħaq l-għan. Friggieri jeskludi dan ladarba jagħżel li ma janalizzax l-azzjonijiet fihom infushom biex jistabbilixxi x'qiegħed jagħmel minnhom l-awtur; minflok iqishom biss li huma intenzjonati li jnisslu daħka fil-qarrej.[16] B'din l-istrateġija l-kritiku donnu jfittex li jmewwet l-effett li l-grottesk seta' joħloq biex ma jikkompromettix il-possibbiltà li jikklassifika r-rumanz bħala soċjorealista. L-istrateġija tinftiehem aħjar fid-dawl ta' dak li Meindl jiddeskrivi bħala '*realism's recalcitrance and naturalism's openness to the grotesque*'.[17] Fi kliem ieħor, l-insistenza li jidderieġi t-test lejn l-idea ta' 'inkjesta soċjali' donnha rabtitu biex jinnewtralizza l-impatt tal-grottesk ladarba r-realiżmu jirreżistih.[18] Friggieri għalhekk ittrasferixxa l-attenzjoni minn fuq l-element grottesk għal fuq x'jista' jissuġġerixxi, jiġifieri li jiftiehem li jaqdi sehem fl-iskop didattiku tal-awtur. Il-kritiku jkompli jillimita l-effett imħolli billi jiġġudikah li hu 'aktar impinġi u drammatizzat milli mistħarreġ u mbiddel f'riflessjoni'.[19] Bit-tħaddim ta' din l-istrateġija titwarrab fil-ġenb it-tifsira li l-element

13 Friggieri, 29.

14 Ibid., 9.

15 J. Mamo, *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (Malta, 2013), 464.

16 Friggieri jinnega l-possibbiltà li l-komportament tal-karattri jinfela fih innifsu meta jisħaq li 'iċ-ċajta ġenerali hi *pass* li jrid iwassal għal konklużjoni serja' (l-enfasi tiegħi); Friggieri, 30.

17 Meindl, 109.

18 Friggieri, 28.

19 Ibid., 24. Fl-istess linja ta' ħsieb, f'p.27 tal-istess esej Friggieri jirreferi għax-'xewqa tal-awtur li jolqot lis-sensi, aktar milli lill-moħħ'. Mamo jenfasizza l-multipliċità fit-tifsira tal-ġrajjiet tiegħu meta jisħaq li 'fihom issib *kull xorta ta' mirja* u ta' tagħlim'(l-enfasi tiegħi), u għaldaqstant lill-qarrej jgħidlu 'aqra u arġa' aqra 'l dan il-ktieb ... u b'hekk għandek dejjem tifhmu aktar minn qabel'. Ara Mamo, 465.

grottesk jista' jġorr miegħu. Fl-interpretazzjoni tiegħu Friggieri jirrendih sinjal intenzjonat biss li jenfasizza l-ħtieġa għall-edukazzjoni li twassal għall-emanċipazzjoni billi l-qarrej jara fl-azzjonijiet tal-karattri mera tiegħu nnifsu, u x-xbieha riflessa tistimulah għall-bidla.[20] B'hekk il-potenzjal li jaqdi funzjoni mill-aktar radikali fir-rappreżentazzjoni tal-karattru Malti, li m'għandhiex preċedenti fin-narrattiva Maltija, jisfuma fix-xejn bit-tentattiv li jitqiesu leġġeri fl-importanza tagħhom. Konsegwentement l-interpretazzjoni ta' Friggieri teskludi kompletament milli jinqraw bħala sinjal ta' verità akbar.

It-tentattiv ta' Friggieri li jkompli jipprova jmewwet l-effett tal-karatterizzazzjoni jissaħħaħ b'żewġ strateġiji oħra: billi tingħata interpretazzjoni żbilanċjata tar-relazzjoni bejn l-awtur u l-karattri li joħloq, u billi l-attenzjoni tinxteħet fuq il-karattri bħala grupp jew klassi u mhux bħala individwi. Kif il-kritiku jinterpreta r-relazzjoni bejn l-awtur u l-karattri li joħloq joħroġ ċar minn din il-kwotazzjoni: 'Finalment jiena niddubita ħafna kemm kien qiegħed jikkundanna, għax sikwit jidher li qiegħed jikteb tant b'mod pjaċevoli, tant qed jieħu pjaċir jikteb, li jispiċċa biex jieħu pjaċir ipinġi dak li qed ipinġi.'[21] Il-kritiku fittex li jinnewtralizza t-ton ta' kundanna li jispikka f'diversi siltiet mir-rakkont. Flimkien mal-idea li l-għan aħħari tal-awtur huwa li joħloq ċajta mit-traġiċità tas-sitwazzjonijiet li jkunu involuti fihom il-karattri, l-enfasi li l-attitudni tal-awtur fir-relazzjoni tiegħu mal-karattri hi pjaċevoli tgħatti r-rabja u l-viżjoni sewda li r-rakkont jittrażmetti, li kienu jxekklu jekk mhux ixejnu l-possibbiltà li t-test jinqara b'mod li jippropaga l-idea ta' riforma soċjali. L-orjentazzjoni lejn l-aspett tar-riforma soċjali titfittex li tissaħħaħ billi l-individwalità ta' wlied in-Nanna Venut tiddewweb biex jinħoloq minflok is-sens ta' kollettività. Il-pass jitwettaq għax, kif jistqarr Briffa, fir-rumanz realista 'il-kollettività għandha aktar importanza mill-individwalità'.[22] Kif ingħad diġà, l-enfasi li għan Mamo jinqara bħala sforz biex il-pajjiż jirriforma ruħu politikament ħteġilha li t-test jiġi interpretat f'dawl soċjorealista u mhux naturalista. Sabiex ma tinqabadx fix-xibka tad-determiniżmu mqanqal min-naturaliżmu, li seta' xekkel bis-sħiħ lill-kritiku milli jiffoka fuq l-aspett soċjali tar-rakkont, l-analiżi ta' Friggieri tevita milli tixħet l-attenzjoni fuq x'tip ta' individwalità jippossedu l-karattri ta' Mamo. Minflok tikkonċentra

20 Friggieri jiddeskrivi l-proċess hekk: 'Id-daħka li l-awtur jistieden lill-poplu biex jidħak bih innifsu hi l-ewwel fażi; it-tieni fażi hi l-istmerrija tal-kontenut tad-daħka stess'. Friggieri, 31.

21 Programm radjofoniku. Ara Footnote 2.

22 Briffa, 213.

fuq il-ħtieġa tal-edukazzjoni bħala s-sors ewlieni għall-emanċipazzjoni kulturali tal-Maltin li tikkostitwixxi 'viżjoni waħda: l-għarfien tal-iżball nazzjonali fid-dawl tal-progress dinji'.[23]

L-orjentament esklużiv lejn is-soċjali jikkonferma ruħu fl-interpretazzjoni tar-rumanz ta' Mamo minn Briffa u minn Adrian Grima. L-identifikazzjoni ta' Mamo minn tal-ewwel bħala r-'riformatur soċjali li kien jemmen fil-kultura bħala mezz ta' bidla',[24] u li 'Mamo jinsisti fuq il-kuxjenza u l-miżuri soċjali'[25] minn tat-tieni huma eżempji ċari ta' lejn xiex huma indirizzati. Fiż-żewġ każijiet tikkonferma ruħha l-istess enfasi żejda fuq l-aspett soċjali, u fil-każ ta' Grima saħansitra tiżdiet id-doża tagħha. Fl-insistenza li jinterpreta r-rumanz f'termini postkolonjali, b'enfasi fuq l-isfruttament taċ-ċittadini mill-kolonizzatur, hu jagħżel li jimponi hu t-tifsira li jixtieq fuq it-test. Bil-pretest li t-test 'huwa tagħna l-qarrejja wkoll li mingħajrna ma jistax "iseħħ"'[26] l-analiżi ta' Grima, permezz ta' dak li Mark Currie jiddeskrivi bħala 'proċess ta' invenzjoni',[27] tispiċċa tipproduċi t-test flok titnissel minnu. Fil-każ ta' Briffa, kif urejt diġà, ir-relevanza tat-test hi ristretta għaż-żmien meta nkiteb. Hekk jissuġġerixxi l-kumment tiegħu li 'ulied in-Nanna Venut' hija 'frażi li toqgħod għall-Maltin ta' bla skola tal-għoxrinijiet u t-tletinijiet tas-seklu XX'.[28] Bħal fi Friggieri, dan jiġri minħabba l-attenzjoni żejda fuq aspett wieħed li mbagħad jikkomprometti l-valur tat-test. Minkejja li l-kritiku jirrikonoxxi l-element grottesk fit-test ta' Mamo, u jagħmel analiżi preċiża ta' kif it-tħaddim tal-lingwa jirristrinġi l-kapaċitajiet tal-karattri, ma jagħrafx jutilizzahom sabiex japprofondixxi fuq x'għamel Mamo mill-karattri tiegħu. L-enfasi żejda għal darba oħra oskurat lill-kritiku l-possibbiltà li jallaċċja l-element tal-grottesk mar-raffigurazzjoni radikali daqskemm oriġinali fit-tradizzjoni narrattiva Maltija tal-karattri maħluqa fir-rakkont ta' Mamo. Sabiex il-kritika tinqala' minn dan l-isqaq ħteġilha li tirriviżita l-mod kif ġie analizzat preċedentement, b'mod partikolari l-applikazzjoni tat-terminu ta' riformatur soċjali kif applikat minn Friggieri. Pass sinjifikanti f'din id-direzzjoni jwettqu Mark Vella fl-introduzzjoni għall-ġabra ta' novelli ta' Mamo annotati minnu stess.[29]

23 Friggieri, 30.
24 Briffa, 236.
25 A. Grima, 'Juan Mamo u s-Sigrieti ta' Wlied in-Nanna Venut', f'*Il-Malti, Ħarġa LXXIX* (Malta, 2007), 87.
26 Ibid., 93.
27 M. Currie, *Difference* (London, 2004), 64.
28 Briffa, 237.
29 M. Vella (ed.), 'Mamo Misjub mill-Ġdid', f'*Juann Mamo: Ġrajja Maltija* (Malta, 2010).

## Lejn interpretazzjoni allegorika tat-test

L-isforz sabiex *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* jibda jintwera f'dawl ġdid jinħass hekk kif Vella jibda jittraċċa s-sinjali fit-test li jixhdu devjazzjoni 'mill-proċedimenti tipiċi tas-soċjorealiżmu'.[30] Il-bażi li fuqha jibda jinbena l-qtugħ mit-tradizzjoni kritika hija n-nuqqas ta' kunflitt ta' klassi f'Mamo, element essenzjali fil-mudell tar-realiżmu Malti kif ikkonċepit mill-kritiċi Maltin. Il-kritiku jinnota li Mamo, minflok, jixħet ħarstu fuq klassi waħda. Fl-iffokar mill-kritiku fuq il-klassi li r-rumanzier jixħet l-attenzjoni fuqha, jibdew jinkixfu d-dettalji li flimkien jiffurmaw l-istampa tal-individwi li jiffurmawha. Mamo jisposta l-preokkupazzjoni tal-poplu minn fuq pajjiżu, kif irrappreżentat fl-imgħoddi, għal fuq il-problemi mġarrba ta' kuljum. Din l-identifikazzjoni ġdida, li tibda tirrikonoxxih bħala individwu, ittella' wkoll fil-wiċċ in-nuqqasijiet li jikkaratterizzawh, b'mod partikolari l-injoranza. F'dan ir-rigward, Vella jagħmel osservazzjoni importanti ħafna: mingħajr ma jinnega l-oriġini tal-problema kif rikonoxxuta normalment mill-kritiċi, jiġifieri li l-injoranza hi riżultat strutturali ta' oskurantiżmu klerikali u indifferenza kolonjalista, hu jenfasizza l-fatt li hi miruta minn ġenerazzjoni għall-oħra, tema rikorrenti fir-rakkont ta' Mamo. Bil-konsiderazzjoni li l-għeruq tal-problema tal-injoranza huma riżultat 'fuq kollox ta' illoġiċità popolari intrinsika',[31] Vella jiftaħ it-triq sabiex ulied in-Nanna Venut jibdew jinflew b'aktar attenzjoni. Jista' jingħad għalhekk li l-kritiku jirnexxilu jibda jisposta l-attenzjoni lura lejn il-protagonisti tar-rumanz. Filwaqt li l-kritika preċedenti, b'mod ġenerali, donnha nsiet il-pazjent fuq il-mejda tal-operazzjoni fil-ħerqa li ssiblu l-kura, Vella jitlobna nerġgħu ninviżtawh mill-ġdid. Wara kollox, il-marda tista' tkun qiegħda fih aktar milli fil-fatturi 'l barra minnu. Minn din il-perspettiva joħroġ biċ-ċar kif Vella jipprepara l-ispazju fejn it-test ta' Mamo jibda jimraħ 'il barra mill-qafas soċjorealista. Imneżża' mis-simpatija li Friggieri jattribwixxi lill-awtur fil-konfront tal-karattri tiegħu, fl-analiżi ta' Vella d-dijanjożi li joffri Mamo ssir 'investigazzjoni kiefra tal-injoranza tas-sottoproletarju medju'.[32] Għaldaqstant it-test ta' Mamo ma jibqax 'mera realista ta' żmien preċiż', iżda jsir 'simbolu aktar profond ta' qagħda mentali u spiritwali ta' poplu'.[33]

30 Ibid., xiii.
31 Ibid., xvii.
32 Ibid., xv.
33 Ibid., xiv.

Bis-saħħa tat-triq miftuħa minn Vella, dan l-istudju se jfittex li japprofondixxi fuq it-tip ta' karattri maħluqa minn Mamo. L-intenzjoni hi li l-approfondiment isir fid-dawl tal-ħtieġa li jirreferi għaliha Vella li l-konsiderazzjoni tat-test tisposta ruħha minn 'mera realista' għal 'simbolu aktar profond'. Biex jintlaħaq dan il-għan, l-analiżi se tfittex li tistabbilixxi qabelxejn ir-relazzjoni tar-rappreżentazzjoni tal-karattri f'Mamo mat-tradizzjoni tan-narrattiva Maltija, biex imbagħad taġġusta l-kunċett li bih tinftiehem il-figura tal-karattru u l-kriterji addottati fl-interpretazzjoni tal-funzjoni li jaqdi fir-rakkont. Il-qtugħ mit-tradizzjoni jaċċenna għalih Mamo stess f'din is-silta:

> Ħwejjeġ li ma jitwemmnux dawn: imma l-istorja hija storja, u l-injuranza li fiha ħallewna hija pparagunata ma' dawn il-fatti! L-istorja hija storja, u mbagħad għaliex tistagħġbu mix-xejn? Toni Bajada għamel għoġbijiet tant minn nitfa ta' baħri bidwi fi żmien il-ġfien, qata' tant widnejn ta' Torok sa ma qatgħulu tiegħu, għaġeb għax Girgor tagħna jittanta l-impossibbli bħal Marconi tas-seklu għoxrin?! U Pawlu Xara, u Ċejlu Tonna, u Luqa, u issa Nazju? U 'l quddiem jekk jogħġbok xi De Giovanni, xi Salafia u xi ieħor hekk?[34]

L-intenzjoni tad-distakk mit-tradizzjoni tinħass sew fil-paradoss maħluq fil-kwotazzjoni.[35] Fl-istess waqt li jenfasizza l-inkredulità tal-komportament ta' Girgor,[36] l-awtur donnu jrid jagħtina x'nifhmu li paradossalment hu aktar kredibbli mir-rappreżentazzjoni tal-figuri mitiċi tal-Istorja u tar-rumanzi storiċi. L-effett mixtieq jisseddaq hekk kif Girgor jintwera aktar inkredibbli bl-assurdità fit-tqegħid fl-istess keffa ma' wieħed mill-akbar imħuħ tas-seklu għoxrin. Minkejja dan, Mamo jinsisti li dak li jwettaq Girgor huwa anqas ta' stagħġib minn dak li jingħad li għamlu dawk mitqiesa b'eroj. L-awtur għalhekk jinħass irid jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej fuq l-isproporzjon fir-rappreżentazzjoni ta' dawn tal-aħħar, li jikxef kemm hu difettuż il-proċess mimetiku mħaddem fil-ħolqien tagħhom. L-inkredulità tar-rappreżentazzjoni tibda tiġi indikata fil-qabża bejn il-kwalità umli ta' Toni Bajada u l-kisbiet li jwettaq, u żżid fid-doża hekk kif is-sekwenza tispiċċa bit-ton ironiku fir-realizzazzjoni

34 Mamo, 74.

35 Mamo kien konxju ħafna mill-oriġinalità tar-rumanz kif tixhed din id-dikjarazzjoni misluta mill-'Għeluq': 'Fihom, fil-ġrajja ntqalu bosta affarijiet li qatt ma ntqalu jew inkitbu qabel'; ibid., 464.

36 L-inkredulità tirrigwarda r-reazzjoni ta' Girgor meta jintebaħ li l-vapur li kellu jieħdu lejn l-Amerka kien għadu kif salpa. Meta ra hekk, 'fetaħ il-kaxxa li kellu, żvojtaha, niżżilha l-baħar, qabad il-bagoll f'idu u ħabat jitla' ġo fiha biex jaqdef b'idejh flok imqadef'(74).

li l-eroj Malti spiċċa ġarrab hu stess dak li kien jagħmel lil ħaddieħor. Kif muri f'sekwenza oħra mir-rakkont, l-abbiss li jifred il-potenzjal tal-karattri minn kif huma rrappreżentati jispiċċa jfaqqarhom u mhux jagħnihom – ġudizzju maqbud bir-referenza għall-kwotazzjoni minn Ovidju '*Inopen copia fecit!*',[37] jiġifieri 'L-abbundanza għamlet il-faqar', użata b'referenza għall-fatt li r-rumanziera storiċi Maltin tefgħu f'ħalq il-karattri tagħhom kliem li 'n-natura qatt ma setgħet tippermettilhom' li jgħidu.[38] F'dan il-kuntest l-awtur jinftiehem li qiegħed jisfida l-mod li bih il-karattru hu rrappreżentat fin-narrattiva tradizzjonali (fittizja u storika), u fl-istess ħin jimplika l-importanza tar-ridimensjoni tiegħu. Kif tixhed il-kwotazzjoni aktar 'il fuq, l-enfasi tal-kritika tal-proċess mimetiku Mamo ma jillimitahiex biss għall-passat. Fl-estensjoni lejn 'issa ... u 'l quddiem' tista' tinqara l-intuwizzjoni li l-proċess mimetiku jibqa' jiġi riviżitat. Fl-ispirtu ta' din ix-xewqa, il-karattri ta' Mamo se jinflew fil-mod li bih jinqatgħu mir-rappreżentazzjoni tradizzjonali, biex b'hekk ikun jista' jinftiehem aħjar x'jagħmel l-awtur minn ulied in-Nanna Venut. Dan il-pass għandu jitwettaq mas-superament tal-interpretazzjoni esklussivament realistika tar-rakkont, biex b'hekk tibda tinkixef il-viżjoni mgħottija taħt il-qoxra, imma permezz tal-qoxra stess.

It-traċċar tal-kontribuzzjoni ta' awtur fl-iżvilupp tal-binja tal-identità karatterjali f'tradizzjoni narrattiva jitlob li l-figuri maħluqa jiġu analizzati fi ħdan qafas li jorjenta l-analiżi lejn aspetti bażiċi li jduru mal-mistoqsija x'inhu l-esseri. Għal dan il-għan x'jinkiseb minn Mamo se jinfela fid-dawl tal-mudell ontoloġiku ta' Martin Heidegger, li jipprovdi ġenealoġija tal-modi ta' possibbiltajiet diversi tal-esseri. L-għażla tal-filosfu Ġermaniż mhix każwali; huwa l-impatt tal-konvinzjoni li t-tradizzjoni tinftiehem bħala '*extended misinterpretation of the nature of reality*' li Charles Guignon jagħraf f'Heidegger u li jien għadni kif identifikajt f'Mamo, il-fattur bażiku li jqarribhom lejn xulxin.[39] L-intenzjoni tat-tnejn li

37 Prof. Horatio C. Vella rrimarkali li l-kwotazzjoni ta' Mamo minn xogħol Ovidju għandha kliem inkorrett. Fl-oriġinal hi '*Inopiam fecit copia*'. Iżda Vella jikkonferma t-traduzzjoni għall-Malti, u għalhekk ir-relevanza tagħha għall-argumentazzjoni tiegħi.

38 Ara Mamo, 20.

39 C. Guignon, *The Cambridge Companion to Heidegger* (Cambridge, 1993), 5. Interessanti l-fatt li t-tnejn kienu qegħdin jiktbu x-xogħlijiet l-aktar rappreżentattivi tagħhom, jiġifieri *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* u *Being and Time* fl-istess perijodu, jiġifieri bejn l-1927 u l-1930. Mhux eskluż li Mamo, bħal Heidegger, kien influwenzat b'xi mod mill-moviment tal-'filosofija tal-ħajja' ta' bejn il-qalba tas-sekli, li kien jinkludi lil Friedrich Nietzsche, lil Henri Bergson, u lil Wilhelm Dilthey.

jirreġistraw bidla radikali tiddetermina l-qrubija fil-ħsieb li tippermetti li l-mudell ontoloġiku jitfa' dawl fuq ir-rakkont tal-awtur Malti. Heidegger hu meqjus il-katalizzatur ewlieni tal-qtugħ mit-tradizzjoni ontoloġika tal-Punent bl-ispustament li rreġistra fid-definizzjoni tal-esseri mis-sustanza Aristotelika li timponi l-permanenza fid-definizzjoni, għat-taħlil tagħha permezz tal-impostazzjoni tat-temporalità bħala l-kriterju ewlieni li jiddetermina l-esseri.[40] Hu fil-fatt jistaqsi għala l-esseri għandu jinftiehem bħala preżenza u biex jissuperaha, f'*Being and Time*[41] jipproponi minflok id-dinamiċità, u għalhekk il-fluwidità ta' ħajjet il-bniedem, bħala s-sors ewlieni li fi ħdanu jissawwar l-esseri uman. Fl-investigazzjoni tiegħu Heidegger ittama li jirkupra, fi kliem Guignon, '*a more original sense of things*'.[42]

Il-kompatibbiltà bejn il-filosofija u r-rumanz tinftiehem aħjar meta wieħed iqis li Heidegger, f'moviment oppost għat-tradizzjoni, jorjenta l-metafiżika lejn id-dimensjoni eżistenzjali u mhux lil hinn minnha. Meindl jiddeskrivi dan l-orjentament bħala d-distakk tal-metafiżika l-ġdida mill-metafiżika l-qadima, ikkostitwit mill-kuntrast bejn id-direzzjoni 'l isfel u l-oħra 'l fuq.[43] Bir-rikonoxximent tat-temporalità u l-eżistenzjalità bħala l-aċċess ewlieni biex tibda titwieġeb il-mistoqsija x'aħna, in-narrattiva fittizja tikseb qagħda privileġġjata fejn l-esseri uman ikun jista' jiġi analizzat ladarba l-attributi msemmija jiffurmaw parti integrali minnha wkoll. Din hija t-teżi ta' Paul Ricoeur li jasserixxi kemm il-ħajjiet umani jsiru aktar intelliġibbli meta interpretati fid-dawl tal-istejjer li jiġu rrakkontati dwarhom, aktar u aktar '*when what one applies to them are the narrative models – plots*'.[44] Fil-fatt Ricoeur jenfasizza li n-narrattiva fittizja tipprovdi l-ispazju ideali, aktar milli jirnexxilha twettaq il-filosofija, fejn il-mudell ontoloġiku Heideggerjan kif inhu ffundat fuq it-tiġrib ta' kuljum jista' jimmanifesta ruħu bl-aħjar mod.[45] Dan għax skont Kevin J. Vanhoozer, għal Ricoeur f'xogħol ta'

40 Skont Bret W. Davis għal Aristotli '*the primary meaning of being is "substance".... The substance of something remains constantly present despite whatever else changes through time*'. Ara *Martin Heidegger: Key Concepts*, ed. Bret W. Davis (Durham, 2010), 7.

41 M. Heidegger, *Being and Time*, tradott minn John Macquarrie u Edward Robinson (New York, 2008).

42 Guignon, 5.

43 Meindl, 7-8.

44 P. Ricoeur, 'Narrative Identity', f'*On Paul Ricoeur: Narrative and Interpretation*, ed. David Woods (London, 1991), 188.

45 Ara Kevin J. Vanhoozer, 'Philosophical Antecedents to Ricoeur's Time and Narrative', f'Woods, 34–54.

narrattiva fittizja '*a whole world is displayed which "condenses" reality and gathers its essential traits into a concentrated structure or work*'.[46] Bis-saħħa ta' din l-affinità kunċettwali bejn il-mudell ontoloġiku u n-narrattiva fittizja, jinħoloq għalhekk l-ispazju fejn il-'Malti raħli' tar-rakkont ta' Mamo jkun jista' jinfela.[47] Iżda d-disponibbiltà tan-narrattiva għat-tiswir tal-esseri kif ikkonċepit minn Heidegger, għal Ricoeur tissejjes fuq prinċipju epistemoloġiku li għandu jiddetermina s-superament tal-interpretazzjoni realista tar-rakkont ta' Mamo.

Il-ħassieb Franċiż jispeċifika x'inhi r-realtà billi jiddistakkaha minn kif mifhuma mill-pożittivisti, mossa li tħejji t-triq għat-tbegħid mill-interpretazzjoni realista tat-test. Għal Ricoeur, fi kliem Vanhoozer, '*the world of the text is not the "actual" or empirical world of "everyday reality". Reality, argues Ricoeur, is larger than the positivists' conception of it*'.[48] Għaldaqstant l-interpretazzjoni ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* skont l-iskema ontoloġika Heideggerjana trid titlaq mill-premessa li r-realtà rrappreżentata mhix sempliċiment ir-rappreżentazzjoni tar-realtà extratestwali u tieqaf hemm. Anzi aktar ma titbiegħed minnha aktar titqarreb lejn il-qalba tal-filosofija Heideggerjana, kif jixhed Ricoeur:

> *The more imagination deviates from that which is called reality in ordinary language and vision, the more it approaches the heart of the reality which is no longer the world of manipulable objects, but the world into which we have been thrown by birth and within which we try to orient ourselves by projecting our innermost possibilities upon it, in order that we dwell there.*[49]

Il-kwotazzjoni tindika wkoll id-direzzjoni għall-interpretazzjoni tat-test ta' Mamo fit-tislit ta' tliet kunċetti fundamentali fil-mudell ontoloġiku Heideggerjan. L-identifikazzjoni tat-tħaddim tal-kunċetti tat-'tfigħ' (*Geworfenheit*, *throwness*),[50] tal-'proġettazzjoni' (*Entwurf*, *projection*), u tat-'tgħammir' (*Aufenthalt*, *dwelling*) fit-test ta' Mamo, essenzjali fil-mudell tal-esseri uman kif ikkonċepit minn Heidegger, id-*Dasein*, għandhom jiskattaw il-mekkaniżmu li jittrasforma r-rakkont Malti f'allegorija tal-kundizzjoni eżistenzjali umana. Fil-proċess għandu jitla'

46 Vanhoozer, 48.
47 Mamo, 217.
48 Vanhoozer, 49.
49 P. Ricoeur, ikkwotat f' ibid., 50.
50 Peress li t-traduzzjoni tat-termini Heideggerjani hi bbażata fuq il-verżjoni tagħhom bl-Ingliż qegħdin jingħataw ukoll kif inhuma fl-oriġinal, biex il-verżjoni bil-Malti tkun tista' titqabbel magħhom.

fil-wiċċ is-sehem li jaqdu elementi bħall-motiv tal-vjaġġ u l-assoċjazzjoni frekwenti tal-bniedem mal-annimal, ġeneralment skartati mill-kritika, fit-tlaħħim tal-karattri u eventwalment fit-tiswir tal-viżjoni awtorjali.

## Il-bidu mitmum ta' wlied in-Nanna Venut

L-orjentazzjoni lejn l-interpretazzjoni allegorika tat-test tinħass sa mill-paratesti intitolati 'Qabelxejn' u 'Żewġ Ċorom fl-Imħatra u Min Huma l-Personaġġi Tagħna' li jintroduċu r-rakkont lill-qarrej. Fid-definizzjoni li jagħti tal-allegorija Friggieri jenfasizza l-funzjoni mimetika doppja tal-figurazzjoni, 'li taħt it-tifsira letterali, li tidher u tinftehem kif inhi, taħbi tifsira oħra'.[51] Indikazzjoni tat-tifsira moħbija taħt il-livell letterali hija l-livelli dijeġetiċi li jikkostitwixxu l-paratest introduttiv u r-rakkont, f'termini narratoloġiċi extradijeġetiku fil-każ tal-ewwel u intradijeġetiku fil-każ tat-tieni. Ir-relevanza tas-subordinazzjoni fir-relazzjoni ta' bejn iż-żewġ partijiet, ladarba wieħed hu inserit fil-qafas dijeġetiku tal-ieħor, hu t-tbegħid mir-realiżmu li l-paratest seta' evoka. Fi kliem ieħor, anki li wieħed kellu jikkunsidra l-paratest bħala realistiku, il-fatt li għandna livell dijeġetiku fi ħdan livell ieħor jaċċentwa l-bixra fittizja li tikkaratterizza normalment livell dijeġetiku inserit f'ieħor. Apparti dan, ladarba l-livell extradijeġetiku jiddetermina kif l-istorja tiġi rrakkontata, wieħed jista' jidentifika żewġ sinjali fi ħdan dan il-livell li jindikaw li Mamo jfittex il-funzjoni konnotattiva tar-rakkont.

L-ewwel sinjal jitfaċċa fl-assoċjazzjoni tal-iskop għala kiteb ir-rakkont ma' għan Cervantes fid-*Don Quixote*.[52] Ir-referenza intertestwali ddakkar lit-test Malti mil-letterarjetà tal-ieħor, li għalhekk isseddaq l-orjentazzjoni tal-interpretazzjoni tar-rakkont lejn il-livell figurattiv. It-tieni sinjal huwa n-natura tal-fattur li jnebbaħ ir-rakkont. Fil-paratest l-awtur jippreżenta sitwazzjoni li fiha ssir imħatra bejn żewġ ċorom ta' kittieba fuq jekk it-tagħlim hux ta' ġid jew hux ta' detriment għall-bniedem.[53] Bl-iskop

51 O. Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Kritiċi* (Malta, 2010), 29.

52 Ara Mamo, xxxix.

53 Ibid., xli. Hija sitwazzjoni ironika għax filwaqt li Mamo jieħu pożizzjoni maċ-ċorma li tiffavorixxi t-tagħlim, aktar 'il quddiem Ġużè Ellul Mercer, dak li l-kritika onoratu bħala propogatur tat-tixrid tal-edukazzjoni fost il-poplu, fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* pjuttost jieħu pożizzjoni ambigwa li iżda xxaqleb lejn in-naħa ta' dawk li jaraw it-tagħlim bħala perikoluż. Ara S. Bonanno, 'L-Għażla Kompromettenti Bejn id-Dawl Għammiexi u d-Dlam Konfortanti f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*, f'*Il-Malti,* Ħarġa LXXXV (Malta, 2013).

li jipparteċipa fiha, Mamo jieħu l-pożizzjoni ta' dawk li jisħqu li hu ta' detriment, u jiddikjara li 'nibagħtu ċorma ta' Maltin u Għawdxin minn dak id-drapp ta' bla tagħlim u bla dawl lejn l-imdawla Amerka, u b'dak li dawn għamlu u ħawru b'dawk il-gażibi kbar li ġralhom li ma jitwemmnux, li allaħares kont sufa f'ġisimhom, naraw lil min rebbħu l-imħatra'.[54] Għaldaqstant, fid-dawl tad-definizzjoni ta' M.H. Abrams tal-allegorija, il-plott u l-karatterizzazzjoni jibdew jinftiehmu li qegħdin jaqdu funzjoni li tmur lil hinn mit-tifsira denotattiva. Il-kritiku letterarju Amerikan jenfasizza l-aspett tal-'*allegory of ideas, in which the literal characters represent abstract concepts and the plot exemplifies a doctrine or thesis*'.[55] Fid-dawl ta' dak li jalludi, il-plott imsejjes fuq it-tema tal-vjaġġ jibda jaqdi l-funzjoni tar-reċipjent li fih tinħema l-viżjoni tal-awtur. Il-vjaġġ għalhekk ma jibqax mitqies biss bħala fenomenu soċjoloġiku marbut mal-emigrazzjoni,[56] mezz li bih 'joħorġu mill-oikos tagħhom u jibdew mill-ġdid band' oħra'.[57] Flimkien mal-passaġġ tal-karattri minn eżempji tal-Maltin tal-perjodu lejn it-tlaħħim ta' kunċetti astratti, b'enfasi fuq il-komportament tagħhom, il-vjaġġ lejn l-Amerka jsir il-mekkaniżmu ewlieni li jiġġenera t-teżi tal-awtur imnissla mill-isforz li jistabbilixxi min rebaħ l-imħatra msemmija.

Il-ftuħ tar-rakkont jissuġġerixxi mill-ewwel l-evokazzjoni tal-prinċipji Heideggerjani fir-referenza għat-teħid tad-deċiżjoni u l-mod li bih tittieħed:

> - Hiiii! ... L-Emilki mmorru! Lejn l-Emilka nitilqulha! Hemm f'radda ta' salib nistagħnew, insiru nies, ngħaqqduhom, nimlew il-borża u ndawru denbna lura għal lil haw' ...; hee hi?
>
> U f'tul dan il-kliem, min qiegħed jitkellem mhux ħlief idawwar wiċċu bl-addoċċ u jxejjer idejh.[58]

Bit-tħaddim tat-teknika narrattiva tal-*in medias res* tinħoloq l-impressjoni ta' instantanjetà bl-enfasi fuq il-preżent tas-sitwazzjoni, distakkat minn kull ħjiel ta' x'seta' ppreċedih. Din l-istrateġija tiġġenera l-idea li l-karattru ta' Mamo jsib ruħu mitfugħ f'dinja mgħobbija diġà b'tifsiriet strutturati, qagħda eżistenzjali li Heidegger jiddeskrivi hekk: '*It has been thrownly abondoned to the "world", and falls into it concernfully*'

54 Mamo, xli.
55 M.H. Abrams, *A Glossary of Literary Terms* (Orlando, 1993), 4.
56 Friggieri, *Mamo*, 24.
57 Grima, 95.
58 Mamo, 1.

(l-enfasi tiegħi).[59] Għalkemm it-tfigħ jevoka s-sens ta' aċċettazzjoni passiva ta' dak li ssib, ladarba s-suġġett m'għandu ebda sehem fl-għażla tal-qagħdiet li jsib ruħu fihom, għal Heidegger is-sitwazzjoni tista' tkun rimedjata. Fl-eku tal-kontribut ta' Ricoeur, id-dinja tat-test issir l-ispazju fejn l-esseri-fid-dinja jingħata ċ-ċans li jimmanifesta ruħu skont il-funzjoni moqdija fis-sitwazzjonijiet fittizji ppreżentati lilu. Mamo għalhekk, fid-dawl tal-imħatra li jirreferi għaliha fil-paratest, jista' jinftiehem li qiegħed jinqeda bir-rakkont sabiex iressaq lill-karattru Malti lejn prova. F'dan il-fil ta' ħsieb, l-awtur jinqara li jipprovdi ċ-ċans lil ulied in-Nanna Venut biex jittraxxendu s-sitwazzjoni ta' tfigħ li jsibu ruħhom fiha ma' ftuħ ir-rakkont. Fid-distanza temporali li tifred il-proġett (*entwerfen*, *projection*) mill-possibbiltà tat-twettiq tiegħu, Mamo jgħaddi lill-karattri li joħloq minn vjaġġ li jifdihom jew ixejjinhom. Imma x'jirrikjedi għal Heidegger sabiex tinkiseb ir-redenzjoni ontoloġika, u kemm jista' jingħad li fir-rakkont ta' Mamo hemm il-potenzjal biex tinkiseb? Fis-silta li biha jiftaħ ir-rakkont hemm diġà l-ewwel sinjali li jindikaw il-pożizzjoni tal-karattri meta mkejla ma' x'jistabbilixxi Heidegger bid-*Dasein*.

Il-qofol għall-fidwa jinsab fil-kwalifikazzjoni li Heidegger jagħti għall-mod kif isir it-tfigħ fil-kwotazzjoni aktar 'il fuq. Għall-filosfu Ġermaniż ir-reazzjoni tal-esseri għas-sitwazzjoni li jsib ruħu fiha trid tkun '*concernfully*', li għalhekk tidentifika l-awtokonsapevolezza bħala ċ-ċavetta għas-superament tal-passività marbuta mas-sens ta' tfigħ bit-tfassil ta' proġett. William D. Blattner jikkonferma l-importanza tat-tħaddim tal-awtoriflessività mid-*Dasein* meta jisħaq li s-'*self-understanding is constitutive of its "being-so", its being what or who it is*'.[60] Jekk għalhekk id-*Dasein*, skont Heidegger, '*is its possibilty*',[61] it-twebbil bl-emigrazzjoni jagħti ċ-ċans lill-karattri ta' Mamo li jgħaddu minn test sabiex jirrimedjaw l-istat kompromess minn qabel li jsibu ruħhom fih billi jorjentaw il-qagħda tagħhom lejn il-possibbiltà tat-twettiq tal-proġett. Fit-test, skont Heidegger, l-esseri jista' jirnexxilu daqskemm jista' jfalli skont kemm jagħmel l-eżistenza tiegħu: '*it can, in its very Being, "choose" itself and win itself; it can also lose itself and never win itself.*'[62] Mifhuma bħala kandidati għall-kisba tad-*Dasein*, kemm jista'

59 Heidegger, 458.

60 William D. Blattner, 'Existence and Self-understanding in *Being and Time*', f'*Heidegger Reexamined: Dasein, Authenticity and Death*, ed. Dreyfus Wrathall (New York, 2002), 178.

61 Heidegger, 68.

62 Ibid., 68.

jingħad li l-karattri ta' Mamo juru l-awtokonsapevolezza li tiddetermina jwettqux il-proċess li Kim Atkins tissintetizza bħala '*self-determination through self-interpretation*'?[63] Jekk għal Heidegger l-awtokonsapevolezza tiddetermina l-awtodeterminazzjoni billi tissarraf fl-għarfien ta' dak li suppost qiegħed jitwettaq, il-karattri ta' Mamo kemm jafu verament x'qegħdin jagħmlu? Jirnexxilhom jifhmu u jipproġettaw l-eżistenza skont it-twettiq tal-proġett suppost imfassal minnhom stess?

Fis-sekwenza tal-ftuħ jista' jingħad li diġà hemm talanqas żewġ sinjali li jikxfu n-nuqqas ta' ħakma fuq is-sitwazzjoni, li fid-dawl ta' x'jesiġi Heidegger jixhdu l-improbabbiltà tar-realizzazzjoni tal-proġettazzjoni. L-ewwel sinjal huwa l-enfasi fuq il-fatt li t-tixjir tal-idejn fl-istess nifs li jiġi ddikjarat il-proġett isir bl-addoċċ, li donnu jissuġġerixxi d-dgħufija tar-rieda tas-suġġett fl-intenzjoni li jesprimi. Ir-rieda tant meħtieġa għall-awtodeterminezza tkompli tiddgħajjef mat-tieni sinjal, li jinħass fl-għażla tat-tielet persuna plural flok is-singular fl-istqarrija 'L-Emilki mmorru', li tevoka l-passività marbuta mal-istint tal-merħla flok l-awtodeterminazzjoni. Quddiem id-dgħajfien tal-volontà tal-individwu l-asserzjoni ta' Friggieri, b'referenza għall-proġett tal-karattri, li 'l-ideal hu kbir' tibda titlef il-validità tagħha.[64] Il-pożizzjoni li jieħu tassumi individwi li għandhom il-kapaċità mhux biss li joħolmu iżda li huma konxji mill-potenzjal tagħhom li jindirizzaw lil ħajjithom lejn l-għan, li b'hekk isir ideal kbir. Fid-dawl tat-tradizzjoni Aristotelika li tenfasizza l-idea ta' preżenza kostanti, Friggieri donnu jinqabad jixħet l-attenzjoni lejn il-mument partikolari preżenti li fih titlissen l-intenzjoni sabiex jiġġudika l-għajta biex jerħulha lejn l-Amerka. Għal Heidegger, minflok, l-asserzjoni tal-ideal kbir attribwit lil ulied in-Nanna Venut trid tingħaraf u tiġi ġġudikata skont il-fatturi mill-passat li wasslu għaliha, u s-sehem mogħti mis-suġġett għat-twettiq tagħha.

Kruċjali għalhekk fl-intenzjoni li jagħmel tiegħu s-sitwazzjoni hija d-dinamika tal-interazzjoni tal-esseri mad-dinja ta' madwaru, mixhuda fil-kapaċità li jutilizza l-għodda disponibbli fil-ħajja ta' kuljum. Fil-fatt, is-sors tal-problema fil-karattri ta' Mamo hija l-inkapaċità li jaddattaw għall-ambjent ta' madwarhom. Jekk il-mistoqsija hija l-bażi għall-kisba tal-informazzjoni li sservi biex tagħmel sens minn ħajtek, allura wlied

63 Atkins, 144.
64 Friggieri, *Mamo*, 28.

in-Nanna Venut ma jistgħux ikunu f'pożizzjoni aktar żvantaġġjata kif tixhed din is-silta:

> –Araw xi ġroli! Do' kif, għaliex? Araw: fit-trejq insejt, ħariġli minn rosi nistaqsihem għaliex dò killu, għaliex irristawni. Imme ossa xħin jiġu hawn nistaqsihem il-kif u x'fatta, ngħidilhem *Because?*
>
> Girgor kien Malti, u l-Malti huwa poplu ta' bla mistoqsija *Għaliex*? Infatti l-*għax* (because) Girgor tgħallimha u l-*Għaliex* (Why) le. Il-Malti, isib fiex isib ruħu, jara l-imgħawweġ, juruh l-iswed b'abjad, jisħqulu rasu, ideffsulu f'moħħu ħrejjef qodma nett, jiddubita minnhom, jisirquh bihom, imma l-mistoqsija *Għaliex?* ma jafx biha: mhix fid-dizzjunarju tiegħu.[65]

Il-bażi għall-inkapaċità tagħhom li jistaqsu u jgħaddu mill-għarbiel dak li jirċievu jikkostitwixxi l-qofol għall-falliment tal-karattri ta' Mamo ħlief wieħed. In-nuqqas ta' dispożizzjoni li jiflu l-affarijiet qabel jitħaddnu jwassal sabiex jew ma jirreaġixxux jew jiżbaljaw fir-reazzjoni tagħhom. Fis-silta Girgor, wieħed minn ulied in-Nanna Venut li jsib ruħu l-Amerka, jinqabad f'sitwazzjoni li fiha jiġi arrestat mingħajr ħtija. Fir-reazzjoni passiva tiegħu ma jirnexxilux jeħles lilu nnifsu għax f'ħalqu ma tiġihx il-mistoqsija adatta. Mamo jagħti tifsira lis-sitwazzjoni li għandha implikazzjonijiet li jestendu lil hinn mir-rakkont. Fl-intenzjoni li jistaqsi '*because*' u mhux '*why*' Girgor jitfixkel l-għax mal-għaliex, biex b'hekk jafferma l-aċċettazzjoni tas-sitwazzjoni minflok il-kontestazzjoni tagħha.

Indikazzjoni ċara oħra tal-falliment tal-karattri ta' Mamo hija d-dipendenza assoluta tagħhom fuq it-tifsiriet strutturati miruta mill-passat, li tinħass sew fil-manifestazzjoni tal-aġir tagħhom ikkundizzjonat mis-superstizzjoni. Huma diversi l-waqtiet li fihom jispiċċaw jinħakmu minn dawn l-istrutturi predeterminati utilizzati għall-interpretazzjoni tas-sitwazzjoni li jsibu ruħhom fiha. L-awtodeterminazzjoni permezz tal-awtointerpretazzjoni tixxejjen mill-attitudni tal-biċċa l-kbira tal-karattri ta' Mamo li jaħsbu bil-mod li bih ġew ikkundizzjonati li jaħsbu mill-kultura li trabbew fiha. L-attitudni murija għalhekk ma tistax ma tikkompromettix is-sitwazzjoni tagħhom. Hekk jiġri meta jaraw baħrija sewda jew jisimgħu s-sajjetti: minflok ma jirreaġixxu b'mod normali, razzjonali, iħallu l-mentalità superstizzjuża tikkundizzjonahom biex jispiċċaw jaqraw is-sitwazzjoni b'mod żbaljat. Id-dipendenza fuq it-twemmin superstizzjuż tirrendihom suxxettibbli għall-isfruttament,

65 Mamo, 297.

bħalma jagħmel is-saħħar tal-Ħamrun lil Karmni u Mariroż li jisfrutta l-biża' frott is-superstizzjoni li jħaddnu biex jisloħħom ħajjin. F'episodju ieħor ir-reazzjoni tal-karattri għas-sajjetti, 'imgezzin ġo rokna ta' kamra bil-kuruni f'idhom',[66] minbarra li tikkonferma l-atteġġjament predeterminat fil-karattri tindika wkoll it-tendenza tal-istint tal-merħla li tiddefinixxi lilek innifsek fil-grupp flok individwalment. L-istint jikkonferma ruħu fit-tendenza li jfittxu lil xulxin biex jiffurmaw grupp wieħed, kif jiġri pereżempju meta jterrqu t-toroq ta' Pariġi jew ta' New York. Kif jisħaq John Haugeland l-omoġeneità bejn il-membri, ladarba 'they become more similar', hi analoga għall-gregarjetà fl-annimali.[67]

Fit-tqarrib tal-bniedem lejn l-annimal jikkonsolida ruħu t-tbegħid tal-karattri ta' Mamo mid-*Dasein* u l-avviċinament lejn ħajja nieqsa mir-riflessjoni, maqbuda permezz tal-kunċett tad-*das Man*, tal-Oħrajn. Għal Heidegger li teżisti bħala *das Man* ifisser li tgħix 'inawtentikament', fejn l-individwalità tibda tixxejjen mal-inklużjoni fil-grupp. L-inawtentiċità tissarraf fir-rinunzjar, aktarx inkonxju, li l-individwu jiddetermina l-kors li taqbad ħajtu u minflok iħalli l-mentalità tal-merħla tmexxih u tfasslu hi. Jekk f'termini Heideggerjani seta' kien hemm xi indikazzjoni ta' bidu fil-proġettazzjoni kif mifhuma bl-għajta biex jerħulha lejn l-Amerka, is-sinjal malajr jisfuma fix-xejn hekk kif kwalunkwe ħjiel ta' individwalità jinbela' fl-identità tal-grupp. It-twissija ta' Mamo fis-silta kkwotata aktar 'il fuq hi ċara: l-inkapaċità tal-Malti li jistaqsi u jagħmel is-sitwazzjoni tiegħu tissarraf inevitabbilment fit-tjassir mentali.[68] Ix-xewqa li wera tul ħajtu li jemanċipa 'l ulied in-Nanna Venut tqanqal id-dilemma jekk ir-redenzjoni hix realizzabbli jew le, u t-tbandil bejn il-possibbiltà u l-impossibbiltà li l-awtur jinqabad fih jikkostitwixxi l-qofol tal-viżjoni awtorjali. L-awtur jistidinna nistaqsu għalhekk x'tip ta' bniedem huwa l-karattru maħluq minnu, mistoqsija li fit-tentattiv biex titwieġeb jinftiehmu t-tisdiq tat-tbegħid tat-test ta' Mamo mill-filosofija Heideggerjana u t-trażżin tal-ħerqa tar-rumanziera realisti Maltin għar-riforma soċjali.

66 Ibid., 202.

67 J. Haugeland, 'Heidegger on Being a Person', f'Wrathall, 74.

68 F'silta oħra misluta minn p. 338 Mamo jwissi dwar il-periklu kkawżat mill-qagħda kulturali li l-Maltin imdorrijin fiha: 'Mur għidilhom li dil-ħtija hija tal-Kultura, kultura tal-Medju Evu, ta' dik il-kultura sewda (stil tal-Inkwiżizzjoni) li ħallewhom biha hekk biex ikunu aktar jistgħu jisilħuhom, joborxulhom ħwejjiġhom u kulma fihom! Kultura li ma tħallilekx moħħ biex tifhem, għajnejn biex tara jew qalb biex tħoss'.

## Sospiż bejn it-tama tal-fidwa u l-impossibbiltà tar-redenzjoni

L-ispustament tal-attenzjoni minn fuq il-ħolqien tal-opportunità sabiex tinfeda s-sitwazzjoni soċjali mwiegħra kif il-kritika qrat ir-rakkont s'issa, għal x'jistgħu jkunu l-implikazzjonijiet tat-tip ta' esseri tal-karattri li suppost jipprovaw iwettqu l-istess fidwa, jitlob li jiġi rivalutat x'seta' fittex li jikseb Mamo mir-rakkont. Minn dan il-lat it-tluq lejn l-Amerka jista' jiġi interpretat bħala test sabiex l-awtur jassessja jekk il-fidwa hix qabelxejn possibbli. Jekk is-sitwazzjoni tiffunzjona bħala analoġija tal-qagħda ta' introduzzjoni ta' riformi soċjali li kellhom jiddaħħlu wara t-Tieni Gwerra Dinjija, Mamo jista' jinftiehem li jissospendi ċ-ċertezza u jikxef il-limitu ta' kull min saħaq li r-riformi politiċi neċessarjament jissarrfu fit-titjib tal-qagħda tal-individwi li jiffurmaw in-nazzjon. Għaldaqstant jekk fir-rakkont jista' jintwera bħala instigatur għal riforma soċjali, fl-istess ħin Mamo jista' jinqara wkoll li jfittex li jipproblematizza l-istess funzjoni. F'dan is-sens ir-relevanza ta' x'jinkiseb mir-rumanz Malti tista' titwessa' biex ulied in-Nanna Venut isiru mudell li jittestja l-aspirazzjonijiet ta' Heidegger. Dan isir billi t-test Malti jiġbed lejn id-direzzjoni opposta tal-filosfu Ġermaniż fl-isforz tiegħu li jissupera l-kriżi profonda (ikkawżata minn kurrenti intellettwali bħar-relattiviżmu, is-sekularizzazzjoni tal-ħajja, il-materjaliżmu xjentifiku, u d-Darwiniżmu) '*by recovering a more profound grasp of what it is to be*'.[69] Fit-teħid ta' din id-direzzjoni Mamo huwa instigat mid-dilemma jekk il-'ħfin profond ta' xi jfisser li tkun', li bħala bażi għandu l-kisba tal-awtokonsapevolezza, hux wara kollox rekuperabbli għall-kategorija ta' individwi li hu xtaq jirriabilita. Fil-ħerqa li tittieħed pożizzjoni l-awtur Malti jikkunsidra dawk il-fatturi li jistgħu jxekklu milli jinkiseb l-irkuprar, li eventwalment iħalluh sospiż bejn il-possibbiltà u l-impossibbiltà tat-twettiq ta' xewqtu.

Il-preokkupazzjoni murija minn Mamo fit-trattament tat-tema tal-impatt negattiv tas-superstizzjoni fuq l-istatus ontoloġiku tal-individwu, apparti li tixhed il-kontemporanjetà tal-viżjoni tar-rumanzier, tikkonferma r-rabta kunċettwali tar-rakkont Malti mal-filosofija Heideggerjana. Id-dubju mixħut mill-kritika dwar ir-relevanza ta' Mamo għaż-żminijiet tal-lum malajr jinħall hekk kif it-test jiġi inkwadrat fil-kuntest ta' dibattiti li qegħdin jiżvolġu fiċ-ċrieki filosofiċi. Mifhum fid-dawl tal-kwistjoni tal-effett tas-soċjetà fuq l-individwu, il-preokkupazzjonijiet

69 Charles B. Guignon, 'Heidegger's "Authenticity" Revisited', f'Wrathall, 192.

ta' Mamo jixhdu sintonija mad-diskussjonijiet imqanqla mill-filosfi fuq is-suġġett.[70] It-test ta' Mamo jista' jiġi interpretat li jagħti sehem fl-iżvilupp tal-problematika msemmija fil-filosofija ta' Heidegger. Taylor Carman fid-daħla għal *Being and Time* jinnota kontradizzjoni fit-test filosofiku fil-pożizzjoni addottata rigward ir-relazzjoni bejn l-individwu u s-soċjetà: '*Is our usual conformity to social norms a benign, necessary condition for authentic and inauthentic modes of existence alike, or is it the insidious beginning of the kind of conformism that robs us of our authentic selfhood?*'[71] Heidegger jibqa' indeċiż, ladarba jesprimi pożizzjoni kontradittorja, jekk il-konformità mas-soċjetà hix ta' beneficċju jew ta' detriment għall-individwu. Ernst Tugendhat jattribwixxi dan il-limitu għall-fatt li għalkemm Heidegger janalizza d-dipendenza tal-awtokonsapevolezza tal-individwu fuq l-Oħrajn, l-analiżi tiegħu '*lacks a proper appreciation of social and institutional interconnections, and the roles that are determined on this basis*'.[72]

Il-limitu li jirreferi għalih Tugendhat, is-'*social problematic that Heidegger completely neglects*',[73] huwa indirizzat fir-rakkont ta' Mamo: ir-rumanzier jisfrutta l-ispazju offrut min-narrattiva sabiex jesplora d-dinamika tal-interkonnessjoni soċjali u istituzzjonali, biex b'hekk l-impatt imħolli fuq l-individwu jinkixef u jintwera aħjar. Ir-reazzjoni għall-impatt imħolli tinqabad sew f'din l-għajta dikjarattiva: 'Tilluppjawniex bil-klemijiet (biss!) ta' Patrija, Bandiera u Reliġjon!'[74] Ir-referenza għall-illuppjar, li jevoka l-aljenazzjoni li l-filosfi jindikaw bħala waħda mill-effetti negattivi mħollija mill-istituzzjonijiet, tikkonferma li, għall-awtur Malti, il-Knisja u l-partiti flimkien mal-ideoloġiji li jippropagaw (bħall-idea ta' nazzjon) jistgħu lkoll ikunu ta' detriment għall-individwu. Din il-pożizzjoni hi kkonfermata minn sors ieħor: wara li jinnega l-affiljazzjoni tiegħu mal-partiti, Mamo jirreferi għad-diffikultà li r-relazzjoni mal-istituzzjonijiet tnissel u jiddikjara li hu 'il-meħlus minn kull xibka …

70 Kif jixhed Edgar C. Boedeker Jr., 'contemporary philosophy is witnessing a resurgence of the question ... about the relation between the individual and society'. Boedeker, 'Individual and Community in Early Heidegger: Situating das Man, the Man-self, and Self-ownership in Dasein's Ontological Structure', f'Wrathall, 211.

71 T. Carman, 'Foreword', f'Heidegger, xx.

72 E. Tugendhat, 'Heidegger on the Relation of Oneself to Oneself, III: Choosing Oneself', f'Wrathall, 252.

73 Ibid., 252.

74 Mamo, 464.

il-veru indipendent'.[75] B'hekk jittama li ma jintrebaħx mill-'qerq ta' partit u x-xewqat għallieba (passjoni)'.[76]

L-istess ħtieġa li jinqata' mill-istituzzjonijiet biex ma jħallix l-identità tiegħu tinbela' tisfurzah jirrivizita l-bażi tal-programm soċjorealista li jidher li jadotta hu stess. Jekk il-programm jiffoka fuq l-emanċipazzjoni ta' klassi, l-indipendenza tal-individwu ssir kruċjali għat-twettiq tiegħu. Mamo għalhekk jikkunsidra jekk u kemm il-karattri li joħloq, eżempji tipiċi tal-klassi li jixtieq jemanċipa, jistgħux qatt jinfdew. Għal dan il-għan ir-rumanzier, b'abbiltà li ftit jew xejn għandha preċedenti fit-tradizzjoni narrattiva Maltija, iqaxxar il-karattru Malti li ġej minn ċertu saff tas-soċjetà, u jikxef dak li Vella jiddeskrivi bħala 'd-denominatur komuni saflieni, il-Malti aħħari'.[77] Iffaċċjat mir-realtà li jikxef, Mamo jinqabad f'taqbida miegħu nnifsu minn naħa jinħass iħabrek fl-insistenza tiegħu li jipponta sebgħu lejn min imexxi, u mill-oħra sfurzat jimmansa l-ottimiżmu għall-ħerqa għall-bidla. Minkejja d-dilemma Mamo jaf li ma jistax jaħrab mir-realtà li jaf li teżisti, u jleħħen għalhekk l-uġigħ tiegħu filwaqt li jesprimi l-ħtieġa li fir-rakkont iniżżel dak li hemm: 'Imsieken id-Debbuli! … Nistgħu ma niktbux il-veru? In-Natural? Forsi ma jsirx dan?'[78] Ir-rikonoxximent tad-debbolizza fil-karattri li joħloq, kif tixhed id-deskrizzjoni ta' Armaużarma li 'moħħu ma kienx jixbeh 'il ġismu, kien dgħajjef, u għalhekk jiġi jxellef l-għerf kollu li mar jgħidilna Juvenal: *Mens sana in corpore sano*',[79] ma tistax ma tikkundizzjonax f'moħħ Mamo l-possibbiltà tal-fidwa tagħhom. Id-dubju jinqabad sa mill-waqtiet bikrin tar-rakkont, hekk kif Girgor jintwera li 'jlablab fuq li jifhem fil-pulitka u li hu jżomm ma' Partit, bla ma jaf hu stess l-għaliex u lanqas l-għalbiex, u bla ma dawk tal-partit jafu li hu magħhom'.[80] L-inkapaċità li jixhed il-karattru li jipparteċipa attivament fid-diskors politiku tepitomizza d-dubju tal-awtur li l-problema ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni attiva qatt tista' tissolva. Fir-referenza li jagħmel għall-awtonomija miksuba mill-pajjiż, Mamo jikxef ix-xettiċiżmu tiegħu li l-impatt tal-kisba politika qatt jista' jaffettwa lil individwi bħal Girgor: 'Is-sabiħa hi li mindu ġiet l-Awtonomija f'Malta dan beda

75 Mamo, ikkwotat fi Friggieri, *Mamo*, 15.
76 Ibid.
77 Vella, xvi.
78 Mamo, 8.
79 Ibid., 2.
80 Ibid., 3.

jxidd ta' kultant il-ġlekk u ż-żarbun!' ... u għaldaqstant 'issa jrid jgħodd ruħu mal-puliti.'[81]

L-implikazzjoni tax-xettiċiżmu muri fuq id-diskors politiku ta' emanċipazzjoni hu r-realizzazzjoni li l-problema jista' jkollha għeruq ferm aktar fondi milli sempliċiment fl-identifikazzjoni tal-kawżi esterjuri bħall-postkolonjaliżmu jew it-tmexxija ta' min jikkmanda. F'termini prattiċi, dan ifisser li bidla fiċ-ċirkustanzi soċjopolitiċi mhux neċessarjament temanċipa lis-suġġett kif implikat il-kritika s'issa. F'dan il-fil ta' ħsieb in-nuqqas ta' awtodeterminazzjoni minn ulied in-Nanna Venut, imsarrfa fit-tixjin tal-individwalità tagħhom, iwassal lil Mamo jqis il-forma ta' eżistenza murija mill-karattri bħala deġenerattiva. It-tjassir mentali li rreferejt għalih aktar 'il fuq hu determinanti biex l-awtur iqabbad lill-karattri l-kors li jwassalhom ikollhom jiffaċċjaw dik li Atkins issejjaħ il-'*meaninglessness of being nothing in particular*'.[82] Filwaqt li d-destin jeħodhom ineżorabbilment lejn it-tmiem traġiku daqskemm patetiku tagħhom, titqanqal il-mistoqsija jekk hemmx redenzjoni għal ulied in-Nanna Venut. Fil-perkors li fih jikkunsidra x-xkiel għall-kisba tar-redenzjoni, Mamo jibda jiżviluppa viżjoni b'għeruq fil-grottesk daqskemm fir-realtà tal-ħajja ta' kuljum.

Pass kruċjali fit-tiswir tal-viżjoni b'bixra grotteska jiġi rreġistrat hekk kif Mamo jiddistakka ruħu mill-filosofija ta' Heidegger fuq id-distinzjoni bejn il-bniedem u l-annimal. L-awtur Malti jħassar il-linja sfiqa li għall-filosfu Ġermaniż suppost li tisseparahom billi jagħmel użu mill-motiv tal-ġisem, mifhum fl-azzjonijiet espressi minnu, b'kuntrarju għal Heidegger li, kif isostni David R. Cerbone, '*explicitly defers any consideration of ourselves (*Dasein*) as embodied*'.[83] F'dan is-sens Mamo jista' jiġi interpretat li jantiċipa l-kritika ta' filosfi bħal Simon Glendinning li jikkritikaw lil Heidegger għad-distinzjoni netta li jagħmel bejn il-bniedem u l-annimal.[84] Filwaqt li Mamo jċaħħad lill-karattri mill-awtokonsapevolezza li Heidegger jidentifika bħala kruċjali għad-distinzjoni li tiddistingwihom, hu jibda l-proċess lejn l-annimalizzazzjoni kif tixhed din is-silta:

81 Ibid., 2–3.
82 Atkins, 115.
83 David R. Cerbone, 'Heidegger and Dasein's "Bodily Nature": What is the Hidden Problematic?', f'Wrathall, 85.
84 Cerbone, 105.

Ħażen u għaqal kellu, imma tax-xadin ta' kif jisraq il-ġewż u jieklu, jew tal-ġurdien meta jniżżel denbu fil-kus taż-żejt u jilagħqu. Pjaċir fis-sensi kellu, imma tal-qattus fix-xahar ta' Jannar. Għaxqa tar-ruħ ħajja xejn. Jitkellem jaf, imma dejjem bl-istess vereb (għeruq ta' kliem) bħal ta' *tiekol*, *tixrob*, *torqod*, *tqum*, *tqalfat*, *tisraq*, *taħrab*, *tiġri*, *tmaxtar*, *tlewwet*, *tbagħbas, taħ..a, t..x..*, *eċċ.*

Dan hu r-Raħli mħolli hekk, dan hu dak li għandu l-għira għall-*classe alta*: dan hu dak li għandu dar imħollija minn nannuh għal tant żmien u issa qiegħda għand xi ħadd bla ma jaf min hu: dan hu dak li bih taqleb u tħawwad moħħ Ernst Haeckel fl-istudju tiegħu fil-għażla tal-iżvilupp tal-ħajja bejn bniedem u bhima: dan hu dak li tista' tibagħtu b'kampjun lil xi awtur biex minn fuqu jista' jikteb *Les Hommes d'Engis* ieħor u jisboq lill-awtur ta' din l-opra – Ġieżu![85]

It-taħlil tad-distinzjoni jibda jinħass hekk kif in-narratur jiffoka fuq attributi u dispożizzjonijiet ta' Gajton li eventwalment jattribwihom għall-azzjonijiet speċifiċi tal-annimali msemmija. It-tqarrib jiġi rreġistrat ukoll f'dak li hu nieqes; bħall-annimal, kif jgħallem il-Kristjaneżmu, Gajton hu nieqes għal kollox mill-'għaxqa tar-*ruħ* ħajja' (enfasi tiegħi). Saħansitra l-lingwa tintuża sabiex jitkompla l-proċess mibdi. Eżattament wara li jasserixxi l-kapaċità li l-karattru jitkellem, fattur li normalment jiddistingwi l-bniedem mill-annimal, in-narratur iħoss li għandu jikkwalifika l-asserzjoni u jillimita l-effett tagħha billi jenfasizza li l-użu tal-lingwa hu ristrett għall-funzjoni ta' rappreżentazzjoni ta' azzjonijiet l-aktar bażiċi.

Fl-istess silta kkwotata t-tqarrib lejn l-istat annimalesk jitwettaq permezz tal-evokazzjoni tal-primittiv. Ir-referenza għal *Les Hommes d'Engis* tqanqal ix-xbiha tan-Neandertal li tiegħu nstabu l-ewwel fdalijiet fl-1829 fir-raħal Franċiż imsemmi. Ir-relevanza tematika tinkiseb tul ir-rakkont bl-iffokar fuq imġiba li hi traċċabbli lejn l-istadju primittiv fl-evoluzzjoni tal-bniedem. It-traġġigħ lejn il-fażi bikrija jitwettaq l-aktar, għal darba oħra, minħabba n-nuqqas ta' awtokonsapevolezza, li hija fost il-fatturi ewlenin li xxekkel lill-karattri milli jagħrfu jillimitaw dak li hu istintiv u imprevidibbli bħat-tbeżżiq u l-qadi ta' bżonnijiet naturali li tliġġmu u tqiegħdu taħt kontroll strett tul il-proċess ta' ċivilizzazzjoni.[86] Il-komportament tagħhom għaldaqstant, estensjoni ta' ġisimhom, '*violates our standing or common biological and ontological concepts*

85 Mamo, 213.

86 Ara Irma Perttula 'The Grotesque: Concept and Characteristics', f'*The Grotesque and the Unnatural*, ed. Marrku Salmela u Jarrko Toikkanen (New York, 2011), 33.

*and norms*',[87] trasgressjoni li tittrasforma lil ulied in-Nanna Venut f'figuri grotteski li jitbiegħdu sew minn x'wieħed normalment jistenna mill-imġiba umana. B'ton mill-aktar ironiku Mamo fis-silta kkwotata jippreżentahom bħala sfida għal dawk l-istudjużi li jippruvaw jisseparaw il-bniedem mill-annimal.

Il-viżjoni tkompli tiċċajpar hekk kif Mamo jidentifika fattur ieħor determinanti li jiddistabbilizza l-ħerqa li jirriabilta lill-klassi ffurmata minn ulied in-Nanna Venut. Il-fattur hu d-determiniżmu, irrappreżentat tul ir-rakkont permezz tal-*leitmotif* tal-wirt, u msarraf fil-biża' li hemm kundizzjonijiet li l-bniedem ma jistax jissupera. Ir-referenza fis-silta għad-dar li Gajton jiret min-nannu tingħaqad ma' motivi oħra li tul ir-rakkont jiżviluppaw it-teżi li l-bniedem hu kkundizzjonat minn x'jiret, wirt li jkopri mit-traċċi ereditarji sat-twemmin superstizzjuż li jiġi trażmess minn ġenerazzjoni għall-oħra. Il-biża' mill-kundizzjonament li diffiċli tinqala' minnu jidher li jippreokkupa lill-awtur tant li l-idea tal-wirt minn ġenerazzjoni għall-oħra jinqabad sa mill-għażla tat-titlu, bir-referenza għan-'nanna' li tevoka l-passaġġ bijoloġiku mill-ġenerazzjoni tagħha għall-ġenerazzjonijiet ta' wliedha u ta' wlied uliedha. Tul ir-rakkont is-sens ta' determiniżmu ġġenerat jiġi estiż sew l-impatt tiegħu, kif tixhed ix-xbieha tal-qorq li jilbes Gajton deskritt bħala 'minn dawk li xedd il-biżbiżnannu ta' biżbiżnannuh, Adam'.[88] Għaldaqstant Mamo jkollu jiffaċċja d-dilemma jibqax jipproċedi fix-xewqa għall-emanċipazzjoni meta kkonfontat bit-tqanqil tas-suspett li x-xewqa li l-proċess tal-wirt jiġi kkoreġut biex isseħħ il-fidwa tista' tibqa' bla fejda, biex b'hekk tinżera' d-disperazzjoni mar-realizzazzjoni tal-futilità tal-isforzi tiegħu. Dan is-sentiment Mamo jikkristallizzah bl-istil li tant jikkaratterizzah, li jagħmilha diffiċli għall-qarrej jiddetermina l-pożizzjoni tal-awtur. It-taħlita tal-assurd, evokat fil-kwotazzjoni li se nislet mil-logħba fuq l-idea tal-ġenerazzjonijiet diversi, mal-gravità mqanqla mit-twissija tal-mewt li biha tagħlaq tagħmilha impossibbli jiġi determinat l-awtur hux jiżżuffjetta, jew hux jinħakem mid-disperazzjoni mar-realizzazzjoni li l-istess kawża tat-tmejjil tista' tissarraf fl-għejbien tat-tama ta' redenzjoni għal ulied in-Nanna Venut: '"Binti, għejd 'il bintek tgħejd lil bint-bintha, li bint-bintha qiegħda tibki u togħxa, sejre tmut!"'[89]

87 N. Carroll ikkwotat f'Salmela u Toikkanen, 29.
88 Mamo, 212.
89 Ibid., 384.

Tmiem ir-rakkont, li spiss jiġi miżinterpretat mill-kritika ladarba kkundizzjonata li titlaq mill-premessa li r-rumanz hu fuq kollox sejħa favur ir-riforma soċjali, jikkonferma r-reżistenza għat-teħid ta' pożizzjoni fissa minn Mamo. Il-mod li bih hu jagħżel li jtemm il-ġrajja jista' jiġi interpretat fil-fatt li jikkonferma l-imħabba-mibegħda li l-awtur għandu għall-klassi li tant wera affinità lejha tul ħajtu. L-għażla li joqtol lill-karattri kollha li jemigraw lejn l-Amerka ħlief wieħed, tmiem li jiddisturba tant lill-qarrejja, bħal tinnewtralizza dawk il-mumenti li fihom l-awtur, permezz tan-narratur, jissospendi n-narrazzjoni sabiex jiskjera ruħu favur li ssir ġustizzja ma' min twarrab mill-politiku. L-interpretazzjoni li jagħti Friggieri għalhekk, li jisħaq li 'l-fatt li Mamo jibgħat lill-karattri tiegħu fil-kontinent hu marbut mal-anticlimax li jrid jagħlaq bih',[90] joskura l-iskiżofrenija murija minn Mamo. It-tip ta' eżistenza li l-istudju wera li għandhom ulied in-Nanna Venut jikkontesta l-interpretazzjoni tal-kritiku li l-proġett li jitwebblu bih jikkostitwixxi 'ideal kbir'.[91] Id-dubju mixħut fuq il-possibbiltà tat-tħaddin tal-ideal, ladarba kif muri l-karattri xotti għal kollox mill-fakultà li jiddeċiedu għalihom infushom, jissuġġerixxi għalhekk li t-tmiem jinqara bħala kontinwazzjoni, u li jikkonforma u mhux jikkontrasta mal-falliment finali. Friggieri fittex li jmewwet l-effett li r-rabja, jekk mhux mibegħda, li l-awtur juri lejn il-karattri billi jiżola t-tmiem traġiku mill-bqija tar-rakkont. Għal darba oħra l-kritiku jinqabad jipprova jikkoreġi l-impatt li n-narrattiva ta' Mamo tħalli, bħal meta taffa l-effett tal-imġiba tal-karattri billi ddeskrivih bħala ċajta, 'għadab imsarraf f'komiċità'.[92] Fid-dawl ta' dan, joħroġ biċ-ċar li l-kritiku fittex li joskura l-kontinwazzjoni bejn il-bidu u t-tmiem tar-rakkont biex jaħbi l-fatt li t-traġedja finali mhix ħlief ir-riżoluzzjoni loġika ta' dak li kien ilu jinħema tul ir-rakkont. Donnu mnebbaħ mill-premessa Sokratika li ħajja li mhix miflija aħjar ma tingħexx, Mamo jiddeċiedi li l-karattri li ħoloq ma jixirqilhomx jibqgħu jgħixu. Ladarba huma ma jurux il-fakultà li jeżaminaw ħajjithom, l-awtur jagħżel li jtemmhielhom. Huwa indikattiv ħafna f'dan il-kuntest lil min jiddeċiedi li jħalli jgħix. Feliċ huwa l-uniku wieħed li kapaċi jifli 'l ħajtu, u għalhekk isalva. It-tmiem jissuġġerixxi wkoll li Mamo jirrikorri għas-soluzzjoni Darwinjana tas-sopravvivenza ta' min hu l-aktar b'saħħtu. Friggieri donnu għaraf li l-viżjoni ġġenerata mill-konvinzjoni li wlied in-Nanna Venut ma jixirqilhomx aħjar mit-tmiem

90 Friggieri, *Mamo*, 28.
91 Ibid.
92 Ibid.

li lesta l-awtur għalihom tista' timmina bis-sħiħ it-tikketta ta' riformatur soċjali li hu xtaq jassoċja lill-awtur magħha.

Is-salvazzjoni ta' wieħed mill-karattri tkompli sseddaq ir-reżistenza inerenti fit-test li jiġi ridott għal interpretazzjoni waħda. Minkejja li l-ħelsien jista' jagħti 'l wieħed x'jifhem li Mamo jinserixxi xaqq ta' dawl fir-rakkont tiegħu, fil-fatt għandu jitqies li joffri tama ta' fidwa daqskemm jista' jinqara bħala l-konferma tan-nuqqas ta' fejda. Is-sitwazzjoni tqanqal il-mistoqsija jekk ir-redenzjoni għal Feliċ timplikax neċessarjament li hemm redenzjoni wkoll għall-bqija ta' wlied in-Nanna Venut. Ladarba t-test ta' Mamo joħloq l-ispazju li jippermetti pożizzjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, it-tweġiba qatt ma tista' tkun ċara. L-indeċiżjoni dwar jekk il-ħerqa għall-emanċipazzjoni tistax wara kollox tilħaq lil kulħadd tistimola sensiela ta' mistoqsijiet li jikkonċernaw il-bażi tal-kunċett ta' riforma soċjali:[93] wieħed jistaqsi, in-natura ta' dak li jagħmel lil Feliċ differenti mill-bqija hi bijoloġika, soċjali jew taħlita tat-tnejn? Dak li jagħmlu differenti mill-bqija jista' jingħadda lill-bqija, biex il-fidwa tkun tista' sseħħ? Fid-dawl tad-determiniżmu li jinżera' tul ir-rakkont, huwa possibbli għall-individwu joħroġ miċ-ċirku ddeterminat minn x'jintiret minn ġenerazzjoni għal oħra? U jekk Mamo donnu favur il-possibbiltà li jinħoloq spazju li fih l-individwu jasserixxi l-eżistenza tiegħu lil hinn mill-ħafna tal-istituzzjonijiet, x'sura jista' jieħu l-impenn għar-riforma soċjali? Wieħed jista' jikkonċedi u jafferma li r-riformi soċjali jipprovdu l-ħobża ta' kuljum; minkejja dan, fid-dawl tal-istampa li tinħareġ fir-rakkont tal-esseri tal-karattri ta' Mamo, kemm l-istess riformi jirnexxilhom jagħnu lill-esseri uman b'dak li għal Heidegger jiddistingwi lid-*Dasein* mid-*das Man*? Fi kliem ieħor, fl-aħħar mill-aħħar ir-redenzjoni f'termini Heideggerjani kemm hi possibbli għal ulied in-Nanna Venut? Kemm jista' l-'abbiss li jifridhom mill-annimal' isir rekuperabbli billi l-esseri tagħhom javviċina d-*Dasein*?[94]

L-impossibbiltà li tingħata risposta ċara tikkorrispondi mal-instabbiltà li jiġġenera t-test hekk kif jippermetti li l-possibbiltà ta' tweġiba tiġi newtralizzata b'possibbiltà oħra li tikkontradixxiha. Mamo donnu xtaq

93 Ma stajtx insir midħla tal-implikazzjonijet varji li jiġġenera l-kunċett ta' 'riforma soċjali' mingħajr il-konsiderazzjoni ta' perspettivi differenti. Dawn ksibthom fid-diskussjonijiet li kelli ma' Noel Agius, Natalino Camilleri, Mario Cassar, Joe Gravina, Michael Grech, u Immanuel Mifsud, ilkoll ħbieb u kollegi tiegħi l-*Junior College*. Fl-ideat li qasam miegħi Saviour Catania sibt is-sens ta' direzzjoni meħtieġa f'suġġett daqstant kumpless.

94 D. Franck, 'Being and the Living', f'Wrathall, 117.

li jfittex li jaffronta billi jrażżan, jekk mhux jiddistabbilizza, il-ħerqa tiegħu stess għall-bidla soċjali (li kellha eventwalment tkun assoċjata man-narrattiva soċjorealista) billi jisfida l-istess bażi li minnha toriġina. Hu li tant kellu l-entużjażmu favur l-emanċipazzjoni tal-klassi tal-ħaddiem permezz tal-edukazzjoni, bħal donnu jinqabad imdendel bejn it-tama u d-diżillużjoni li għanu qatt jista' jintlaħaq. Jispiċċa jiddubita jekk qabelxejn, kif ipoġġiha f'ħalq Frappawl, l-edukazzjoni li temanċipa l-massa, li tipprovdi r-'ruħ' li m'għandhomx,[95] hix il-każ ta' 'biskuttini f'ħalq il-ħmir'.[96] F'din it-taqbida Mamo jsib ruħu minn naħa jinħass iħabrek fl-insistenza tiegħu li jipponta sebgħu lejn min imexxi, u mill-oħra jattakka l-ottimiżmu għall-ħerqa għall-bidla billi jitfa' dubju fuq jekk wara kollox hemmx tama ta' redenzjoni għall-karattri li joħloq. L-impossibbiltà li torbot lil Mamo ma' kwalunkwe pożizzjoni fissa, karatteristika attribwita lill-awturi l-kbar, tissuġġerixxi d-dilemma li r-rumanzier Malti ġarrab b'intensità.

Dik li tista' tidher bħala dgħufija fil-pożizzjoni ideoloġika mħaddna mill-awtur trodd valur estetiku akbar lit-test letterarju. It-test jarrikkixxi ruħu bit-tgħaddis tal-leħen tan-narratur didattiku li seta' kkomprometta l-valur estetiku tat-test fl-ilmijiet tal-polifonija Bachtinjana, fejn '*no authoritative voice can stifle the competing voices*'.[97] L-addottar tal-geġwija ta' vuċijiet dijametrikament opposti għal xulxin mingħajr ebda ħjiel li jistgħu jinħallu, flimkien mal-kapaċità li t-test jiddjaloga u jirribatti test fundamentali ta' żmienu, u fl-estensjoni tar-relevanza tal-mistoqsijiet li jqanqal għal kull żmien, huma biss indikazzjonijiet tal-minjiera li hu t-test ta' Mamo. It-tama tiegħi hi li l-kontribut mogħti jgħin sabiex titħassar il-ħsara li studjużi influwenti bħal Peter Serracino-Inglott, li skont Giuseppe Schembri Bonaci ttimbra lil Mamo bħala kittieb 'sekondarju u medjokri', setgħu għamlu lir-rumanz.[98] B'konvinzjoni nemmen li jekk hemm test ta' narrattiva Maltija li jista' jiġi ppreżentat lill-barrani, ta' barra u ta' ġewwa, dan għandu jkun *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Ġwann Mamo.

95 Mamo, 213.
96 Ibid., 409.
97 J.D. Edwards u R. Grauland, *Grotesque* (London, 2013), 22.
98 *It-Torċa*, 17.11.13.